MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1762/2004

**Maltacom plc**

**Vs**

**Mark Gauci Maistre u b' digriet tad-29 ta` Lulju 2005 l-Avukat Dr Beppe Fenech Adami gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil Mark Gauci Maistre li jinsab assenti minn dawn il-gzejjer**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf, mija u sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,176.88c) rapprezentanti servizz telefoniku fuq in-numri 21438766 u 21416865 li gew installati fuq il-fond 173 Triq il-Pont, Mosta skond kif jirrizulta mill-*invoices* esebiti fl-atti tal-kawza bhala Dokument A u Dokument B.

Ra li l-kuratur wiegeb illi huwa m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u rrizerva li jipprezenta risposta ulterjuri kemm-il darba jigi edott mill-fatti.

Ra li l-kuratur ma pprezenta l-ebda risposta ulterjuri, izda esebixxa kopja ta` zewg ittri li kiteb u ma kellu l-ebda twegiba minghand l-Avukat Dr Godfrey Gauci Maistre.

Sema` x-xhieda ta` Dr Keith Grech li kkonferma li l-ammont mitlub huwa dovut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi Mark Gauci Maistre huwa l-persuna li kkontratta mas-socjeta` attrici biex jinghata s-servizz telefoniku mertu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta wkoll illi l-ammont mitlub huwa dovut u ma thallasx u konsegwentement it-talba attrici kif dedotta tisthoqq li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` elf, mija u sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,176.88c) bl-interessi mis-26 ta` Marzu 2006 (data ta` notifika tal-avviz) kontra l-konvenut u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------